



C/2024/4601

29.7.2024

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Mejju 2024 – RMC-Consulting et vs Il-Parlament

(Kawża T-256/24)

(C/2024/4601)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: RMC-Consulting Sàrl (Lussemburgu, Il-Lussemburgu), Felgen & Associés Engineering SA (Il-Lussemburgu) u Egis Bâtiments International (Montreuil, Franza) (rappreżentant: J. Wolter, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tikkundanna lill-Parlament Ewropew iħallas lill-imsemmija rikorrenti l-ammont ta' EUR 4 998 850,54, bħala ammont prinċipali, flimkien mal-interessi moratorji fuq kull fattura prevista kuntrattwalment fil-każ ta' ħlas tardiv, jiġifieri interessi moratorji kkalkolati abbażi tar-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' rifinanzjament prinċipali tagħha, flimkien ma' tmien punti perċentwali, rata fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar li fih il-ħlas sar eżiġibbli;
- tiddikjara li l-interessi moratorji għandhom jiġi kkalkolati fuq kull fattura b'effett mill-jum tal-iskadenza tagħhom jiġifieri (i) mit-2 ta' Frar 2023 għall-fatturi [kunfidenzjali] ⁽¹⁾, u (ii) għall-fattura [kunfidenzjali] mit-13 ta' Frar 2023, sad-data tal-ħlas, jew mid-data tat-talba ta' intimazzjoni tal-20 ta' Ġunju 2023, inkluża fl-ittra ta' intimazzjoni tal-5 ta' Ġunju 2023, jew mill-jum li fih ġie ppreżentat ir-rikors, sad-data tal-ħlas;
- tordna lill-Parlament jirrestitwixxi l-garanzija bankarja għall-eżekuzzjoni korretta għall-perijodu 1 ta' ammont ta' EUR 466 116;
- tiddikjara li l-Parlament huwa responsabbli kuntrattwalment inkella delittwalment fis-sens tal-Artikoli 1382 u 1383 tal-Kodiċi Ċivili Lussemburgiż minħabba d-danni kkawżati mir-rifjut tiegħu li jħallas il-fatturi dovuti u li jirrestitwixxi l-garanzija skaduta jew ir-rifjut li jinnegozja kwistjoni tranżazzjonali;
- tikkundanna lill-Parlament iħallas lill-imsemmija rikorrenti l-ammont ta' EUR 35 855,20 għall-ispejjeż tal-avukat antiċipati;
- tordna lill-Parlament iħallas lill-imsemmija rikorrenti l-ispejjeż kollha sostnuti għall-finijiet tal-proċedura skont l-Artikolu 133 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, peress li jkun inġust li huma jitħallew isostnu tali spejjeż waħedhom fid-dawl tal-aġir tal-konvenut li wassal għat-tilwima;
- tordna lill-Parlament iħallas lill-imsemmija rikorrenti l-ammont ta' EUR 15 000 għall-ispejjeż kollha neċessarjament sostnuti għall-finijiet tal-proċedura, skont l-Artikolu 140 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, peress jkun inġust li huma jitħallew isostnu tali spejjeż waħedhom fid-dawl tal-aġir tal-konvenut li wassal għat-tilwima.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinwokaw ħames motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq nuqqas ta' twettiq ta' obbligi kuntrattwali min-naħa tal-Parlament, abbażi tal-fatt li dan tal-aħħar huwa obligat iħallas lir-rikorrenti għas-servizzi li huma pprovdew, konformement mad-dispożizzjoni kuntrattwali.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq l-ammonti ffatturati. Ir-rikorrenti jsostnu li l-fatturi kollha ġew diskussi bejn il-partijiet u li l-ammonti ma ġewx ikkontestati.

⁽¹⁾ Données confidentielles occultées.

3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq nuqqas ta' prova ta' kull ineżekuzzjoni kuntrattwali min-naħa tar-rikorrenti.
 4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq talba ta' restituzzjoni tal-garanzija ta' eżekuzzjoni korretta. Ir-rikorrenti jitolbu l-liberazzjoni tal-garanzija ta' eżekuzzjoni korretta ta' ammont ta' EUR 466 116.
 5. Il-ħames motiv huwa bbażat fuq id-dannu mġarrab mir-rikorrenti li jqisu li n-nuqqasijiet jew in-negliġenzi mwettqa mill-Parlament jimplikaw ir-responsabbiltà kuntrattwali jew delittwali tiegħu skont l-Artikoli 1382 u 1383 tal-Kodiċi Ċivili Lussemburġi.
-